# SEMINAR MINN ICOM-MALTA U HERITAGE MALTA DWAR L-GĦODOD DIĠITALI GĦAD-DOKUMENTAZZJONI TAL-KOLLEZZJONIJIET

**Stqarrija| 13 ta' Mejju 2024**

Diversi pijunieri lokali u internazzjonali fl-użu tal-għodod diġitali għall-wirt kulturali se jkunu l-protagonisti ta' seminar illuminanti li jiffoka fuq id-dokumentazzjoni ta' kollezzjonijiet, organizzat mill-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet (ICOM)-Malta b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta, nhar il-Ġimgħa 17 ta' Mejju.

Imsemmi 'Niddokumentaw il-Mużewijiet u Kollezzjonijiet Privati bl-Għodod Diġitali', dan l-avveniment huwa organizzat bħala waħda miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Jum Internazzjonali tal-Mużewijiet ta' din is-sena, li t-tema tiegħu tfakkar fl-irwol tal-mużewijiet bħala istituzzjonijiet dinamiċi li jrawmu t-tagħlim, l-iskoperta u l-għarfien kulturali. Se jittella' fil-Mużew Marittimu ta' Malta u se jixxandar dirett online, biex b'hekk joffri aċċessibbiltà għal udjenza globali.

Is-seminar huwa mmirat lejn professjonisti f'mużewijiet, inkluż kuraturi, konservaturi u kolletturi privati. Kollezzjoni ddokumentata tajjeb hija integrali fil-preservazzjoni tal-wirt kulturali u biex dan ikun aċċessibbli kemm għall-professjonisti kif ukoll għall-pubbliku. Permezz ta' preżentazzjonijiet u dimostrazzjonijiet, il-parteċipanti se jiksbu għarfien dwar l-aħħar żviluppi fid-dokumentazzjoni ta' kollezzjonijiet, soluzzjonijiet innovattivi għal sfidi komuni, u gwida esperta dwar l-aqwa prattika.

Is-seminar se jinkludi kelliema stabbiliti bħal Joseph Schirò, il-President ta' ICOM-Malta, u Kenneth Gambin, il-Kap tal-Operat ta' Heritage Malta. Preżentazzjonijiet minn esperti mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali u mit-Taqsima tad-Diġitizzazzjoni ta' Heritage Malta se joffru perspettivi interessanti tal-potenzjal trasformattiv tat-teknoloġiji diġitali fid-dokumentazzjoni ta' kollezzjonijiet. Krystle Farrugia se tiddiskuti wkoll il-proġett diġitali edukattiv ta' Heritage Malta ffinanzjat minn 'The Paper Project' tal-Fondazzjoni Getty, li jiffoka fuq il-kollezzjoni ta' MUŻA ta' pitturi minn Mastri Antiki.

Dan is-seminar huwa bla ħlas, iżda r-reġistrazzjoni għall-avveniment fil-Mużew Marittimu ta' Malta hija meħtieġa fuq: https://heritagemalta.mt/store/e1438/. Għal dawk li ma jistgħux jattendu fiżikament, ix-xandira diretta se tkun disponibbli fuq il-paġna ta' Facebook ta' Heritage Malta. Għal aktar tagħrif dwar il-kelliema u s-suġġetti li se jittrattaw tista' żżur din il-paġna: https://maltamaritimemuseum.mt/documenting-museums-and-private-collections-using-digital-tools/.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta